# *Libro delle Pecore*
# Il-Ktieb tan-Nagħaġ

*Kitba ta'* ***Jonathan Muscat***



Ritratt: Andrew Cortis

In-nies li kienu jgħixu fil-Mellieħa matul is-snin dejjem ħadmu biex jgħixu huma u l-familja tagħhom. Fil-Medjuevu kont diġa' issib diversi nies joqogħdu fl-għerien fl-inħawi tal-Mellieħa. Dawn in-nies kienu fil-parti l-kbira tagħhom jkabbru l-ħxejjex li kellhom bżonn u kienu jrabbu xi ftit annimali bħal nagħaġ, mogħoż u baqra jew tnejn. Nies barra mill-Mellieħa kienu jġibu l-merħliet tagħhom sabiex jirgħuhom. Insibu li fl-1458 Messer Antoniu Desguanes ikkapparra artijiet u passaġġi komuni fil-Miżieb. Minħabba f'hekk nies li riedu jiġu l-Mellieħa sabiex jiġbru x-xewk għan-nar u jirgħu l-merħliet tagħhom f'dawn l-inħawi ma setgħux jagħmlu aktar dan[1]. Aktar tard, fis-seklu 17 fi żmien l-Ordni, inbnew numru ta' torrijiet mal-kosta tat-Tramuntana ta' Malta u dawn għenu sabiex aktar raħħala u rgħajja jiġu l-Mellieħa u jibnu "capanne" fejn iżommu l-merħliet tagħhom, speċjalment fl-inħawi tat-Torri l-Aħmar[2].

Fl-Arkivji tal-Parroċċa tal-Mellieħa nsibu manuskritti li jgħidulna li s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kellu numru ta' nagħaġ u mogħoż li kienu jingħataw bħala "affitto" jew kera. Id-dokumentazzjoni hi nieqsa ħafna u għalhekk ma tistax toħroġ stampa sħiħa dwar in-nagħaġ u l-mogħoż tas-Santwarju. Iżda hemm informazzjoni biżżejjed dwar min kien jikri dawn l-annimali, kemm kienu jinkrew irjus, għal kemm żmien u kemm kienet il-kirja jew "gabella" għal kull nagħġa u mogħża.

Fis-sekli 18 u 19 is-Santwarju kien jikri "pecore e capre" lil nies li ma kinux biss mill-Mellieħa iżda wkoll minn irħula jew "Casali" oħra l-eqreb tal-Mellieħa bħal "Casal Naxaro", "Casal Musta", "Gargur", "Casal Lia" u anke Għawdex. Dawk li kienu jikru n-nagħaġ kienu jkunu rġiel iżda meta r-raġel kien jiġi nieqes kienet tidħol responsabbli l-mara tiegħu. Eżempju ta' dan naraw li fl-1821:

> *"Da Liberata Bartolo del Nasciaro scudi dieci, tari' due, e grani dieci a conto di gabella antecedente di suo marito di dieci pecore a tari' dodici l'una come in atti Bonavia li 27 Decembre 1821 ... 10 scudi. 2 tari'. 10 grani."*[3]

Kont issib ukoll min jikri nagħaġ f'isem ħaddieħor. Każ interessanti kien fl-1774 meta

Giovanni Zahara mill-Mosta ħa l-kirja ta' 22 nagħġa tal-ħalib u ħamest iħrief oħra mingħand Giovanni u Gianpaulo Fenech min-Naxxar li wkoll kienu jikru n-nagħaġ mis-Santwarju. Zahara għamel dan f'isem Giovanni Mifsud mill-Mellieħa li għal sentejn kera n-nagħaġ sabiex Salvu minn Għajn Żejtuna jagħmel użu mill-frott tagħhom. Il-prezz kien ta' 8 tari' kull waħda[4].

Il-ħlas kien isir għal kull ras li kienet tinkera. Meta kienu jinkrew minn madwar 13 sa 22 nagħġa lill-istess persuna l-prezz kien ikun ftit irħas, madwar tari' inqas. Jista' jkun li kien ikun hemm xi differenza fil-prezz skond in-nagħġa jew mogħża jekk kinitx tagħti ħalib jew skond l-eta' tagħha.

Se nagħtu xi dettalji meħudin minn diversi sorsi mill-Arkivju Parrokkjali dwar ħlas ta' kull nagħġa jew mogħża u meta kellu jsir il-ħlas:

| | |
|---|---|
| **1742** | 9 tarì.<br>L-Ewwel nofs fl-Għid u n-nofs l-ieħor fid-29 ta' Ġunju. |
| **1772** | 8 tarì.<br>F'Santa Marija 15 t'Awwissu |
| **1802** | 1 skud. |
| **1803** | 1 skud. 3 tarì. |
| **1820** | 1 skud. 8 tarì.<br>Fl-Imnarja 29 ta' Ġunju |
| **1827** | Minn 10 tarì sa 1 skud.<br>Fl-Imnarja 29 ta' Ġunju |
| **1931** | 1 xelin. 6 soldi. |

Insibu li meta kien jinkera grupp ta' nagħaġ lil xi individwu u kien ikun hemm xi ħrief, dawn ġieli ma kinitx titħallas "gabella" fuqhom għall-ewwel sena bħalma naraw meta :

> *"Giovanni Fenech ebbe dal Procuratore venti due pecore inclusi tre agnelle ad effetto di custodirle, e pascolarle alla ragione di tari otto per una, eccettuate (minbarra) le tre agnelle quali non deve pagar per quelle niente nel primo anno ... com' in atto del Notaro Darmanino li 2 Gennaio 1772."*[5]

Biex isir dan il-kiri tan-nagħaġ ġieli kien isir kuntratt għand nutar. Dan aktarx kien isir biex kemm il-Knisja tal-Mellieħa kif ukoll min kien jikri kien ikun protett bil-liġi jew għall-inqas ikollu jżomm mal-ftehim. Kif nistgħu naraw mit-tabella ta' fuq, il-ħlas kien isir fil-festi tal-



Ritratt: Andrew Cortis



Ritratt: Andrew Cortis

Knisja bħal fl-Għid, fl-Imnarja u f'Santa Marija. Kien jiġri pero' li l-"gabella" mhux dejjem kienet titħallas fiż-żmien miftiehem u għalhekk insibu nies li kellhom jagħtu ta' sentejn jew tlieta b'lura.

> *"E deve di 3 anni li 15 Agosto 1777 ... io ho ricevuto scudi dodeci a' bon conto."*[6]

Mill-introjtu tal-"gabelle" tan-nagħaġ il-Knisja tal-Mellieħa kienet tkopri xi ftit mill-ispejjeż li kienu jsiru matul is-sena. Ma jidhirx li kienet tagħmel xi profitti kbar minn dawn l-annimali għax diffiċli toħroġ ammonti sħaħ għal grupp ta' snin. Żgur li dawn l-annimali kienu ferm bżonnjużi għall-ħajja ta' kuljum u għaldaqstant familji li ma setgħux jixtru nagħġa jew mogħża setgħu jikru waħda jew aktar mis-Santwarju tal-Mellieħa. Fil-bidu tas-seklu 20 ħafna familji Melliħin kellhom minn waħda sa sitt nagħġiet u dan nafuh għax bejn l-1918 u l-1920 il-Pulizija kienet tirreġistra u tagħmel spezzjoni fejn kienu jinżammu n-nagħaġ u l-mogħoż privati. Kien fl-1905 li Sir Temi Żammit skopra li d-deni rqiq ġej mill-ħalib tal-mogħoż marid bil-mikrobu *Brucella melitensis* iżda kien fl-1922 u fl-1938 li ttieħdu passi serji sabiex inaqqsu d-deni rqiq.[7]

Fid-dokumenti tal-Parroċċa ma nsibux x'kienu r-raġunijiet jew x'kien ikun il-ftehim eżatt tal-kirja ta' dawn l-annimali għax aktar jittrattaw dwar l-introjtu tas-Santwarju tal-Mellieħa. Il-Prokuraturi li kienu jżommu l-kotba jsemmu l-isem u l-prezz bi ftit jew xejn informazzjoni oħra. Żgur li, jekk issir aktar riċerka fid-dokumenti tan-nutara għand min kienu jsiru l-kuntratti, jintefa' aktar dawl fuq in-nagħaġ tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa u għalhekk tinbena ħolqa oħra fl-istorja soċjali tar-raħal tagħna.

---

[1]Wettinger G. Agriculture in Malta in the Late Middle Ages. 1981. pp.33,44. Ta' min ifakkar hawn li kienu jgħixu nies flimkien mal-merħla tagħhom fl-għerien li jinsabu fil-widien madwar u fil-Mellieħa bħalma jgħidilna l-istess Wettinger f' "L-Inħawi tal-Mellieħa fiż-Żmien Nofsani'. Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien. 2002. pp.42,44.

[2] Muscat, P. (1976). 'The Northern Defence, 1530-1798', Unpublished B.A. Dissertation, Università ta' Malta. pp.37-38.

[3] A.P.M. 11. f.55v.

[4] A.P.M. 9. f.108v. Ta' min isemmi hawn li 20 gran kienu jsarrfu 1 tarì u 12-il tarì kienu jagħmlu skud. It-tarì kien magħruf ukoll bħala rbiegħi.

[5] A.P.M. 4. f.14

[6] A.P.M. 4. f.12 u A.P.M. 9. f.108v

[7] Cassar, P. A Medical History of Malta, 1965.